# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 15**

**Rikors Numru 1338/10 MCH**

**Michael Mangion u martu Denise Mangion ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-12 ta' Marzu 2013 illi permezz taghha laqghet it-tielet talba attrici izda cahdet it-talbiet attrici l-ohra.

Il-Qorti imsemmija waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

"**Il-Qorti,**

"Rat ir-rikors tal-atturi tat-28 ta' Dicembru 2010 li jghid hekk:

“1. Ir-rikorrenti Michael Mangion, jezercita l-kummerc fil-bejgh ta' oggetti varji fosthom prodotti elettronici, generalment mobile phones, prodotti relatati mal-istess u accessorji ohra elettronici.

“2. Huwa jixtri u jakkwista dawn il-prodotti sija minn pajjizi Ewropej u sija minn pajjizi barra l-Ewropa, fosthom Dubai.

“3. Kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, f’dawn l-ahhar snin, b'mod sistematiku, kull meta kienet tasal f’Malta merkanzija mportata mir-rikorrenti, din dejjem kienet tigi metikolozament spezzjonata mill-ufficjali tad-Dwana. Minn dawn l-ispezzjonijiet qatt ma rrizultat xi rregolarita.

“4. Ir-rikorrenti jemmen illi s-suspetti tal-ufficjali tad-Dwana fl-importazzjoni mwettqa minnu kienet u ghada kawza ta’ rapporti varji illi jsiru minn kompetituri tieghu fis-settur relattiv, liema kompetituri ghandhom kull interess li jxekklu lir-rikorrenti fl-importazzjoni legittima tal-prodotti surriferiti.

“5. Il-kaz mertu tar-rikors odjern jikkoncerna importazzjoni ta' zewg kunsinni ta' prodotti elettronici akkwistati regolarment minn Dubai, u dan kif inhu konfermat mid-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors. L-ewwel kunsinna kellha tkun ta' mobile phone chargers u accessorji elettronici varji. It-tieni kunsinna kellha tkun ta' mobile phones u prodotti relatatati. Bi svista pero, il-fornitur esteru pprocessa u baghat it-tieni kunsinna qabel l-ewwel wahda; dan ir-rikorrenti skoprieh biss meta mar sabiex jirtira l-merkanzija illi kienet waslet f’Malta.

“6. Fil-fatt, meta r-rikkorrenti mar gewwa l-ufficju tad-Dwana, sabiex jirtira dik illi kellha tkun l-ewwel kunsinna kif hawn fuq spjegat, u cioe l-kunsinna konsistenti f’mobile phone chargers u accessorji elettronici varji, huwa pprezenta d-dokumentazzjoni relattiva ghall-istess. Ir-rikorrenti gie mholli jistenna ghal hin twil hafna sabiex jirtira l-istess kunsinna. Huwa nforma lill-ufficjali tad-Dwana illi huwa ma setghax idum aktar jistenna peress illi huwa kellu jmur jigbor lit-tfal zghar tieghu mill-iskola. L-ufficjali tad-Dwana pprocedew sabiex spezzjonaw il-merkanzija illi kienet waslet f’Malta fl-assenza tar-rikorrenti u dan meta dawn kellhom kull obbligu illi jwettqu dan l-ezercizzju fil-prezenza tar-rikorrenti. Kien dan in-nuqqas illi wassal ghall-proceduri odjerni.

“7. Peress illi l-fornitur esteru pprocessa u baghat it-tieni kunsinna qabel l-ewwel wahda, id-dokumentazzjoni provduta mir-rikorrenti ma kenitx taqbel mal-merkanzija illi kienet effettivament waslet Malta.

“8. Sussegwentement, ir-rikorrenti gie mgharraf illi d-dettalji fuq id-dokumentazzjoni minnu pprezentata ma kenitx taqbel, fil-kwalita u kwantita, mal-merkanzija illi kienet waslet Malta; ir-rikorrenti pero gharraf lill-ufficjali tad-Dwana illi huma setghu jikkonfermaw illi dan kien semplici zball da parti tal-fornitur esteru. Ir-rikorrenti nforma ukoll lill-

ufficjali tad-Dwana illi jekk huma jistennew xi granet ohra, kienet ser tasal f'Malta dik illi kellha tkun l-ewwel kunsinna kif hawn fuq spjegat, u cioe l-kunsinna konsistenti f'mobile phone chargers u accessorji elettronici varji skond id-dokumentazzjoni provduta fl-ewwel istanza.

“9. In effetti meta waslet Malta l-kunsinna l-ohra illi kien qieghed jistenna r-rikorrenti, u cioe l-ewwel miz-zewg kunsinni surriferiti, kellu jirrizulta b'mod inekwivoku illi l-kaz imsemmi kien wiehed genwin u illi r-rikorrenti kien in buona fede. Fl-ebda hin, lill-intimat Kontrullur tad-Dwana ma seta' qatt jirrizultalu vantagg favur ir-rikorrenti, u dan ghaliex kull hlas ta' dazji kien ser jithallas mar-rilaxx tal-merkanzija.

“10. Ghalkemm diversi ufficjali tad-Dwana rrizultalhom, u sahansitra ddikjaraw, illi dan kien kaz genwin, l-intimat, baqa' jsostni illi kien hemm xi rregolarita.

“11. Sussegwentement inharget in-Nota ta' Qbid, bir-riferenza numru 92/2010 [Dok. 'A'], liema Nota nharget fuq il-merkanzija hemm dettaljata, ai termini tal-artikoli tal-Ligi hemm dettaljati u giet notifikata lir-rikorrenti fl-10 ta' Novembru 2010 .

“12. Ir-rikorrenti segwa n-Nota ta' Qbid surriferita permezz ta' ittra mibghuta fuq bazi ta' 'minghajr pregudizzju', datata 17 ta' Novembru 2010 [Dok. 'B'] fejn huwa forna spjegazzjoni tal-fatti kif dettaljati f'dan ir-rikors u talab transazzjoni ai termini tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kollu sabiex ir-rikorrenti jikkawtela l-valur tal-oggetti maqbuda u jevita illi jinkorri danni. L-intimat wiegeb ghal din l-ittra permezz ta' ittra datata 22 ta' Novembru 2010 [Dok. 'C'] fejn huwa rrifjuta, minghajr spjegazzjoni xierqa, it-talba mressqa mir-rikorrenti.

“13. Permezz ta' ittra datata 29 ta' Novembru 2010 [Dok. 'D'], ir-rikorrenti segwa l-procedura kontemplata mill-artikolu 72 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja dan I-intimat baqa' inadempjenti.

“14. Sussegwentement u kontemporaneament man-Nota ta' Qbid surriferita, l-intimat Kontrullur tad-Dwana ghazel illi jottjeni mandat ta' tfittixija relattiv ghall-hanut tar-rikorrenti, li jgib l-isem ta' 'Mr Mobile', u li jinsab gewwa Birkirkara. L-intimat Kontrullur tad-Dwana, ghalkemm awtorizzat sabiex ifittex, iddecieda arbitrarjament illi jeleva u jaqbad il-merkanzija kontenuta fl-istess hanut b'rnod illi dan il-hanut gie litteralment mbattal. Ir-rikorrenti kellu ghalhekk jaghlaq l-imsemmi hanut. Ghalkemm ir-rikorrenti ipprezenta dokumenti u rcevuti illi juru illi l-merkanzija elevata f'dan l-epizodju giet akwistata b'mod ufficjali u legittimu, din baqghet ghal gimghat twal taht investigazzjoni. Giet ukoll instigata, fil-konfront tar-rikorrenti, investigazzjoni mill-ufficjali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq iI-Valur Mizjud. Dan it-trattament fil-konfront tar-rikorrenti huwa ghal kollox ingustifikat, partikolarment in vista tal-fatt illi kompetituri tar-rikorrenti ma jigux sottoposti ghall-istess trattament.

“15. L-imsemmija Nota ta' Qbid inharget ingustament stante illi r-rikorrenti huwa kompletament estraneu ghal kull allegat ksur tal-Kapitoli 37 u 337 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti ma jista' qatt jinstab responsabbli ta' ksur tal-artikoli 18, 60(a), (b) u (k), 61(1)(a), 62(a) (b) (h) (i) (k) (m) tal-Kapitoli 37 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi huwa mporta l-merkanzija de quo fl-ezercizzju ta' kummerc legittimu, kif previst mil-Ligi u kien dejjem in buona fede.

“Ir-ragunijiet 'l ghaliex l-ilment ghandu jintlaqa'

“16. Ghar-ragunijiet esposti ghandu jintlaqa' l-ilment tar-rikorrenti u t-talbiet konsegwenzjali ghall-istess.

“17. Il-qbid tal-merkanzija proprjeta tar-rikorrenti effettwat l-attivita kummercjali tal-istess u kkawzatilhom danni ngenti; ir-rikorrenti kellhom jirrikorru ghal akkwist u investimenti ulterjuri, u dan ikkawwza, u ghadu qieghed jikkawza, danni lir-rikorrenti, inkluz telf ta' bejgh u deprezzament tal-merkanzija maqbuda. Ir-rikorrenti ser jibqghu isofru dawn id-danni sakemm l-istess merkanzija ma tigix debitament rilaxxjata.

“Talbiet

“Jghid ghalhekk l-intimat Kontrullur tad-Dwana, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna, u moghtija dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi ilIi n-Nota ta' Qbid bir-riferenza numru 92/2010 giet mahruga mill-Kontrullur tad-Dwana ngustament, b'uzu hazin tad-diskrezzjoni u s-setghat amministrattivi moghtija lilu mill-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, u fi kwalunkwe kaz irregolarment;

“2. Tordna r-revoka u l-annullament tan-Nota ta' Qbid bir-riferenza numru 92/2010;

“3. Tordna lill-intimat Kontrullur tad-Dwana sabiex, fi zmien qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, jehles u jirrilaxxja f'idejn ir-rikorrenti l-merkanzija kollha proprjeta tal-istess rikorrenti u mizmuma fil-pussess tal-intimat Kontrullur tad-Dwana skond in-Nota ta' Qbid bir-riferenza numru 92/2010.

“B'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez kontra l-intimat Kontrullur tad-Dwana illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana li tghid hekk:

“1. Illi l-verzjoni moghtija mir-rikorrent ta' kif graw l-affarijiet mhix verosimili. Id-dokumenti originarjament ipprezentati lid-Dwana (TDID

2010601404373) kienu jirreferu ghal Airway Bill Number 17674416650, liema numru kien jidher ukoll fuq l-istess disa' kaxxi. Id-dokumenti kollha kienu juru li l-merkanzija kellha tkun mobile accessories imma fil-fatt instab li kien hemm numru kbir ta' mobile phones. Ghalhekk jirrizulta car li r-rikorrent ghamel dikjarazzjoni falza lid-Dwana u l-merkanzija hi suggett ghall-qbid, u li l-verzjoni li qed jaghti r-rikorrent mhix wahda verosimili.

“2. Illi din id-dikjarazzjoni falza tfisser li l-Gvern kien se jitlef dhul ta' madwar EUR9,000 f'Taxxa fuq Valur Mizjud u taxxi ohra, kieku din l-importazzjoni ma kienitx skoperta. Kien ghalhekk li saret investigazzjoni ukoll mill-ufficjali nkarigati mill-harsien ta' din it-taxxa.

“3. Illi barra minn hekk jista' jaghti l-kaz li kien hemm xi dokumenti faisifikati ukoll u li kienu relatati ma' din l-importazzjoni.

“4. Illi f'kull kaz, huwa l-importatur li jibqa' responsabbli li jipprezenta d-dokumentazzjoni korretta lill-awtoritajiet doganali.

“5. Illi l-ufficjali tal-esponent talbu lir-rikorrent li jiftah il-kaxxi hu u li jsir tallying fil-prezenza tieghu izda hu ma setax jibqa' iktar fit-tul. Ghalhekk mhux minnu dak li jghid ir-rikorrent li qisu sar kollox minn wara dahru.

“6. Illi rigward il-merkanzija in kwistjoni, fil-fatt din kienet rilaxxata lir-rikorrent kontra garanzija bankarja u dan ai termini tal-artikolu 72(4) tal-Kap. 37 u ghalhekk mhux il-kaz li r-rikorrent ma jistax jahdem iktar u qed isofri danni mhabba dan.

“7. Illi rigward il-mobile phones u oggetti ohra elevati mill-hanut tar-rikorrent, l-esponent jissottometti li dawn ma kienux koperti b'ircevuti u dokumentazzjoni doganali relevanti u ghalhekk kienu elevati ukoll.

“8. Illi l-fatt li saret tfittxija fil-hanut tar-rikorrent u anke ezami tal-merkanzija tieghu ma jfissirx li xi awtorita qed taqbad mar-rikorrent, izda jfisser biss li d-Dwana kellha suspett li r-rikorrent qed iwettaq xi irregolaritajiet u fil-fatt dawn irrizultaw ippruvati.

“9. Illi ghalhekk l-esponent agixxa skond il-ligi u fil-parametri tal-poteri moghtija lilu mill-istess ligi.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent u hekk tikkonferma l-effetti tan-nota ta' qbid numru 92/2010 fir-rigward tal-oggetti fiha msemmija u tal-garanzija li tissostitwihom.

“Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-11 ta’ Marzu 2013.

“**Provi**

"Ir-rikorrent xehed li huwa kien importa zewg konsenji, wahda ta' mobiles u ohra ta' accessorji fuq isem ir-ragel t'ohtu billi dan kien ser jissieheb mieghu fin-negozju. Hu impurtahom minn Dubai billi minn hemm huma irhas Hu kien mar Dubai u ghamel l- ordnijiet u l-ftehim kien li l-ewwel kellhom jibghatulu l-accessories u mbghad il-mobiles. Ir-rikorrent esebixxa affidavit ta' Haider Ayaz (ara fol. 62) li kkonferma l-ordnijiet li kienu saru u li l-arrangament kien li l-ewwel kellhom jintbghatu l-accessories u wara l-mobile phones, izda gara li huma baghtu l-mobiles l-ewwel minflok u ma infurmawhx lir-rikorrent billi ghalihom ma kinitx taghmel differenza.

"Ir-rikorrent kompla jghid li meta Globe Airfreight qalulu li l-merkanzija kienet waslet hu mar biex jigborha. Billi fuq l-airway bill kien hemm biss indikat electronic goods u ma kienx hem deskrizzjoni taghhom hu fil-fatt haseb li kienu waslu l-accessorji u hekk nizzel fid-dikjarazzjoni ta' importazzjoni.

"Testwalment ir-rikorrenti jghid hekk:

> "Meta ghamilt id-dikjarazzjoni tad-Dwana, jiena kelli f'mohhi li waslu l-accessories ghax hekk kien qalli l-esportatur ta' Dubai u hekk nizzilt fid-dikjarazzjoni li ghamilt lid-Dwana biex nohroghom (fol. 55).
>
> "Meta mort nohroghom mid-Dwana kienu saru l-4.30pm u meta rajt nies ohra jistennew jiena kelli nitlaq ghaliex kelli mmur nigbor it-tifel, Matthias, li ghandu disa' snin u li jekk inhallih jistenna jaqbdu paniku (fol. 56). Hu ghandu problema psikjatrika (ara Dok. MM2 a fol. 58. u xhieda ta' ommu Denise Mangion a fol. 61).
>
> "L-ghada ergajt mort ghal xi 1-10am u qaluli li riedu jcemplu l-enforcement section biex jaghtuni l-merkanzija".

"Skond ir-rikorrent dawn ittardjaw sa xi 1pm u kien kellmu Mr. Attard li qallu li l-merkanzija kien fiha mobile phones u mhux accessories kif kont iddikjarajt jien. Ir-rikorrent qallu li l-esportatur kellu l-ewwel jibghat l-accessories u mhux mobile phones. Hu dahal f'kamra ma tad-Dwana u ghal habta tas-2 pm Attard qallu biex jiccekkjaw il-merkanzija flimkien imma huwa qallu li ma setghax jittardja billi fis-2.30 pm kellu jigbor it-tifel. Hu qabad u telaq billi kien sar il-hin. L-ghada rega mar biex jigbor il-kaxxi li kienu waslulu izda gie infurmat li kienu haduhom id-Dwana. Kien cempillu certu Mr. Tartaglia mid-Dwana u talbu ghad-dokumenti. Ftit wara gie infurmat bil-miktub li l-oggetti kienu ser jinzammu mid-Dwana. Xi granet wara waslu l-accessories li suppost kellhom jaslu l-ewwel u fil-fatt ma sabx diffikolta biex jehodhom. Huwa kien insista ma' tad-Dwana biex jaraw li kienu waslu l-accessories kif qalilhom li kellhom jaslu u li d-dikjarazzjoni li kien ghamel fuq l-accessories qabel kienet korretta. Minkejja dana d-Dwana m'accettawx. Hu ghamel garanzija biex ikun jista' jirtira l-merkanzija u jnaqqas it-telf li kien ser igarrab jekk jibghu kkonfiskati.

“Carmel Attard, Spettur tad-Dwana fis-sezzjoni tal-infurzar, xehed li dahlitilhom informazzjoni anonima li r-rikorrent kien se jdahhal konsenja mobile phones minn Dubai minghajr ma tigi dikjarata lid-Dwana. Huma segwew il-passi ta’ dina l-konsenja sakemm meta waslet. Il-konsenja giet fuq isem Tony Brett. Ir-rikorrent kien mar xil 3.30pm u ghamel dikjarazzjoni manwali li giet verifikata minn ufficjal tad-Dwana u accettata. Fl-4.30pm ix-xhud mar jiccekkja dina l-konsenja ma fizzjali ohra wara li gab kopja tad-dokument ta’ importazzjoni. Sab li kien hemm ticrita f’kaxxa minnhom u kien jidher li kien hemm mobiles fiha. Huma qeghdu dawn il-kaxxex fuq raft biex ma jitmissux u ordna li ma jigux rilaxxjati qabel tigi nfurmata t-taqsima tal-enforcement. L-ghada gie infurmat li l-importatur ma biex jirtira dina l-merkanzija ghalhekk mar fuq il-post u hemm sab lir-rikorrent li kien ser jigbor il-merkanzija ghan-nom ta’ Tony Brett.

“Ix-xhud kompla jixhed hekk:

“F’daqqa wahda is-sur Mangion qisu beda jippanikkja u qalli isma’ din mhux il-konsenja li kont qed nistenna, dina hija bi zvista, tfajt dokumenti zbaljati lid-Dwana. Ghidtlu issa naraw, fil-fatt ammetta hu stess dak il-hin quddiem kulhadd illi dik il-konsenja kien fiha mobiles. Jiena dak il-hin tlabtu, ghidtlu ha nghidlek x’se naghmlu, nifthu l-kaxxi kollha, naraw x’fihom il-kontenut taghhom u mbaghad nitkellmu. Hu qalli li dak il-hin ma setax joqghod hemmhekk ghaliex kellu impenji ohra x’jattendi. Semmilu xi tfal.

“Ix-xhud inghata struzzjonijiet biex jiehdu dik il-konsenja fin-New Port Bonded Stores ghal aktar investigazzjonijiet li, wara saru minn haddiehor, billi hu kellu jsiefer.

“x-xhud isemmi li d-dokument ta’ importazzjoni kien iffirmat minn Tony Brett avolja ma kienx Malta. Ighid li l-firma ta’ Tony Brett fuq il-prokura ma taqbilx mad-dikjarazzjoni tad-Dwana.

“Fuq kontroezami wiegeb li r-rikorrent deher eccitat, nervuz u ppanikat, u li qabel ma kienx hekk u dan qabel ma infethu l-kaxxex. Ighid li ppannikja ghax qallu biex jifthu l-kaxxex u mhux ghax rah il-mobiles. X’hin qallu hekk ir- rikorrent qallu li hemm zball u li bi zvista dahhal dokumenti zbaljati. Ir-rikorrent kien semmilu xi tfal ma jifilhux

“Ix-xhud ezebixxa id-dokument CA1 li hu n-Notice of Arrival mahruga minn Globe Ground a fol. 63; Dok. CA2 Airway Bill tal-konsenja a fol. 64 u Dok. CA3 dokument ta’ importazzjoni mimli mir-rikorrent a fol. 65.

“Godwin Smith u Silvio Attard, fizzjali tad-Dwana fit-taqsima tal-infurzar, ikkonfermaw li fit-tieni konsenja kien hemm accessorji u dina dahlet normali bla problemi billi id-dikjarazzjoni fid-dokument tal-importazzjoni kienet taqbel mal-oggetti li gew impurtati GS1 u GS 2 a fol. 42 et seq.

“**Konsiderazzjonijiet**

“**Talbiet**

“Illi r-rikorrent qed jitlob li jigi deciz li (i) n-Nota ta' Qbid giet mahruga ngustament, b'uzu hazin tad-diskrezzjoni u s-setghat amministrattivi moghtija lill-Kontrollur mill-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, u rregolarment; (ii) li tigi ordnata r-revoka ta’ l-istess Nota ta' Qbid u (iii) sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jigi ordnat jehles u jirrilaxxja l-merkanzija kollha proprjeta’ tal-istess rikorrent.

“Illi fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Priscilla Cassar et vs Kontrollur tad-Dwana** deciza fid-29 ta’ Jannar 2010 fejn tghid li l-Ordinanza tad-Dwana tipprovdi hi rimedju specifiku f’kaz li dak li jkun ihossu aggravat bi hrug ta’ Nota’ ta’ Qbid u li l-artikolu 469A(4) mhux applikabbli meta rimedju jew soluzzjoni ghall-ilment ikun ipprovdut f’ligi partikolari. F’dan il-kaz ir-rimedju huwa pprovdut fl-artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza u dawn jirregolaw il-ftuh tal-proceduri sabiex jigu rilaxxjati l-hwejjeg li jkunu nqabdu. “Dak li trid tara l-Qorti f’dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet doganali applikabbili u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu lura l-hwejjeg hekk ikkonfiskati.”

“Inoltre fl-imsemmija sentenza nsibu li “Id-dmir tal-Qorti f’dawn ic-cirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota’ ta’ Qbid mahruga mill-intimat, izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat”.

“Fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrent hi l-ligi stess, fl-artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza (Kap. 37) li tawtorizza lill-Qrati jordnaw ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda jekk ikun il-kaz.

“Illi f’dan il-kaz l-intimat hareg in-nota ta’ Qbid (ara fol. 5) fil-konfront tar-rikorrent a bazi tal-artikoli 18; 60 (a) (b) (k); 61(1); 62(a) (b) (h) (i) (k) (m) tal-Kap. 37, kif ukoll 18(A) tal-Kap. 337.

“Illi r-rikorrent ikkontesta dina n-nota skond il-ligi u f’dina l-kawza qed jitlob li l-oggetti maqbuda permezz tan-Nota ta’ Qbid jigu rilaxxjati ghar-ragunijiet indikati fir-rikors tieghu hawn fuq riportati principalment ghar-raguni li kellhom jintbaghtulu zewg konsenji u l-ewwel kunsinna kellha tkun ta' mobile phone chargers u accessorji elettronici varji mentri t-tieni kunsinna kellha tkun ta' mobile phones u prodotti relatati. Bi svista pero, il-fornitur esteru baghat it-tieni kunsinna qabel l-ewwel wahda u dan ir-rikorrenti skoprieh biss meta mar biex jirtira l-merkanzija li waslet f’Malta.

“Illi l-intimat qed isostni li l-verzjoni moghtija mir-rikorrent mhix verosimili. Ighid li d-dokumenti li pprezenta r-rikorrent lid-Dwana (TDID

2010601404373) kienu jirreferu ghal Airway Bill Number 17674416650, liema numru kien jidher ukoll fuq l-istess disa' kaxxi u dawn id-dokumenti kienu jirreferu ghall-merkanzija konsistenti f'mobile accessories imma fil-fatt instab li kien hemm numru kbir ta' mobile phones. Ghalhekk, skond l-intimat, ir-rikorrent ghamel dikjarazzjoni falza lid-Dwana u l-merkanzija hija suggetta ghall-qbid. Din id-dikjarazzjoni falza tfisser li l-Gvern kien se jitlef dhul ta' Taxxa fuq Valur Mizjud u taxxi ohra.

"Qabel ma dina l-Qorti tibda' biex tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid, il-Qorti tirrileva li dwar intenzjoni, il-Qrati taghna jikkunsidraw ic-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex jiddeciedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'ghandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku minghajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wiehed jiddeciedi jekk gewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-ligi, irid jitqies l-agir tal-allegat vjolatur, tant li l-Qorti tal-Appell fil-**kawza Camilleri vs Kontrollur tad-Dwana**, deciza fit-13 ta' Mejju 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'kaz ta' negligenza jew zball genwin, u li hemm bzonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska. Fil-fatt, l-artikolu 61 tal-imsemmija Ordinanza, li titkellem fuq konfiska f'kaz li tkun tirrizulta diskrepanzi fil-kwantita` tal-oggetti importati, jew fil-valur tal-istess, fis-sub-artikolu (2) jipprovdi li m'ghandux ikun hemm din il-konfiska jekk ikun jirrizulta li "d-diskrepanza tkun giet minhabba fi zball genwin." Biex jigi konstatat jekk kienx hemm "zball genwin", trid issir analizi tal-komprtament kollu tal-importatur, biex il-Qorti tkun tista' tara jekk, fil-fatt, l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-ligi kienx wiehed intenzjonali jew le".

"Illi, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma li jirrizulta li l-versjoni tar-rikorrenti hija verosimili u kredibbili peress illi gie ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi li, xjentement (art. 60(k) tal-Kap. 37) ma sarx xi tentattiv ta' evazjoni ta' hlas ta' taxxa jew dazju da parti tar-rikorrent u ghalkemm id-dikjarazzjoni maghmula minnu ma kinitx taqbel mal-kontenut tal-kaxxi f'dik il-kunsinna partikolari li kien ircieva, ir-rikorrent mill-ewwel indika lill-ufficjali tad-dwana li kienet saret dikjarazzjoni zbaljata billi rrizultalu dak il-hin li kienet intbaghtet kunsinna qabel l-ohra.

"Hemm diversi elementi li jimmilitaw favur il-versjoni tar-rikorrent.

"Ma giex ikkontestat li fil-fatt ir-rikorrent kien jimporta oggetti, f'dawn l-ahhar snin, b'mod regolari u kull meta kienet tasal f'Malta l-merkanzija mportata minnu, din dejjem kienet tigi spezzjonata mid-Dwana u t-taxxa tithallas.

"Fil-kaz de quo r-rikorrent kien ordna zewg kunsinni ta' electronic goods, wahda principalment b'accessorji u ohra b'mobile phones. Li gara kien li l-ewwel kellha tasal il-kunsinna tal-accessorji. Ghalhekk meta waslet l-ewwel kunsinna, u fuq l-airway bill l-indikazzjoni kienet

biss ta' electronic goods, r-rikorrent mela d-dikjarazzjoni li l-kunsinna kien fiha accessorji mentri meta saru l-verifiki instab li kien hemm mobiles phones u ghalhekk meta dan gie indikat lilu, ir-rikorrent infurma lill-ufficjali tad-dwana li kien sar zball, izda huma ordnaw li tinzamm dik il-kunsinna billi sostnew li kien sar attentat ta' evazjoni ta' dazju u taxxa. Ir-rikorrent kien anke insista li jistennew sakemm tasal il-kunsinna l-ohra li kien qed jistenna bhala konferma li huwa ma kellu xejn x'jahbi.

"Ir-rikorrent gab prova li fil-fatt l-esportatur kellu jibghat l-ewwel il-kunsinna ta' accessorji u mhux mobiles u li dawn ma kinux infurmaw lir-rikorrent dwar it-tibdil fil-pjanijiet (ara dokument a fol. 62)

"Illi meta ingibdet l-attenzjoni tar-rikorrent li l-kunsinna ma kinitx dik li huwa ddikjara, huwa mal-ewwel qallhom li kien ghamel dikjarazzjoni zbaljata ghar-raguni appena imsemmija u kien infurmahom li l-kunsinna proprja li dwarha huwa ghamel id-dikjarazzjoni kellha tigi wara u insista mal-ufficjali tad-Dwana biex jistennew sakemm tigi t-tieni kunsinna biex jikkonfermaw il-versjoni tieghu. Li gara pero kien li min kien qed jinvestiga l-ewwel kunsinna ma baqax jinvestiga t-tieni kunsinna billi kellu jsiefer, u meta waslet ftit granet wara t-tieni kunsinna, ufficjali ohra kkonfermaw li kollox kien regolari u hallew lir-rikorrent jirtira t-tieni kunsinna, izda ma kienux jafu dwar l-ewwel kunsinna li kienet giet maqbuda.

"Illi l-intimat, u partikolarment ix-xhud Carmel Attard, ghamel hafna insistenza fuq il-fatt li meta huma ndunaw li d-dikjarazzzjoni li ghamel ir-rikorrent ma kinitx taqbel ma dak li kien hemm fil-kaxxi, u talbuh biex jinfethu l-kaxxi halli ssir tally, r-rikorrent ippanikkja u nfixel. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-fatt wahdu, mehud barra mill-kuntest tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, mhuwiex prova konklussiva, li r-rikorrent kien qed jipprova jevadi l-hlas tad-dazju u taxxa. Ir-rikorrent mill-ewwel spjegalhom x'kien gara, u l-fatti sussegwenti jikkonfermaw dak li kien qalilhom. Hu spjega li d-dikjarazzjoni li kien ghamel ma kinitx wahda falza izda kienet wahda zbaljata billi waslet kunsinna qabel l-ohra.

"L-intimat isemmi (ara eccezzjoni numru 5 tal-intimat) li r-rikorrent ma setghax jibqa' fuq il-post meta huma qalulu biex jiftah il-kaxxi halli ssir it-tally. Ir-rikorrent izda gab prova li huwa kien dam jistenna sakemm gew biex jirillaxxjawlu l-kunsinna, u billi kien sarlu l-hin biex jigbor it-tifel, li jbati minn kundizzjoni psikologika, mill-iskola (ara certifikat esibiet a fol. 58 et seq.), huwa kellu jitlaq malajr u halla lill-ufficjali tad-Dwana jivverfikaw huma x'kien hemm fil-kaxxi. Carmel Attard, l-ufficjal li kien qed jinvestiga kkonferma li r-rikorrent kien semma dan il-fatt dwar il-mard tat-tfal.

"Fil-fehma tal-Qorti dak li xehed ir-rikorrent huwa verosimili u ghalhekk dak li gara kien rizultat ta' zball genwin da parti tar-rikorrent u ma jirrizultax li kien hemm intenzjoni da parti tieghu li jevadi d-dazju u t-taxxa.

"Illi n-nota ta' Qbid (fol. 5) fil-konfront tar-rikorrent inharget a bazi tal-artikoli 18; 60 (a) (b) (k); 61(1); 62(a) (b) (h) (i) (k) (m) tal-Kap. 37, kif ukoll tal-artikolu 18(A) tal-Kap. 337.

"Illi fir-rigward ta' dan l-ahhar artikolu imsemmi, 18(A) tal-Kap. 337, dan jirrigwarda reati dwar dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni, anke b'negligenza. Illi pero dana l-artikolu mhux applikabbili fil-kaz in ezami billi hawnhekk ir-rikorrenti mhux qed jigi akkuzat b'reat kriminali imma l-procedura gie mibdija mir-rikorrent abbazi ta' l-artikolu 72 et seq. tal-Kap. 37.

"L-artikolu 18 tal-Kap. 37 jirrigwarda dikjarazzjonijiet qarrieqa u habi ta' oggetti importati. Fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda habi ta' oggetti, tant li l-istess oggetti dejjem baqghu fil-pussess tal-intimat sakemm gew maqbuda. Inoltre kif gja gie spjegat dan kien kaz fejn saret dikjarazzjoni zbaljata u nghatat spjegazzjoni kredibbili mill-ewwel ghaliex sar hekk, u ghal kuntrarju, ma giex pruvat li kienet dikjarazzjoni qarrieqa intiza biex tevadi l-hlas ta' dazju jew taxxa. L-istess japplika fir-rigward tal-artikolu 60, partikolarment, subartikolu (k) tal-Kap. 37 li jitkellem dwar konfiska ta' oggetti ta' kontrabandu u l-artikolu 61(1) jitkellem dwar oggetti li jkunu iktar jew differenti minn dak li jkun jidher fuq il-fattura tal-esportatur.

"L-artikolu 62 isemmi r-reati u l-pieni applikabbili. Is-subartikoli kkwotati minn dana l-artikolu mhumiex applikabbili ghall-kaz in ezami hlief ghas-subartikolu (m) li possibilment seta japplika kieku gie ppruvat li r-rikorrent agixxa xjentement biex jevadi d-dazju u t-taxxa izda fil-fatt dana ma jirrizultax.

"**Danni**

"Illi skond ir-rikorrent il-qbid tal-merkanzija proprjeta tieghu effettwat l-attivita kummercjali tal-istess u kkawzatlu danni ngenti. Hu kellu jirrikorru ghal akkwist u investiment ulterjuri, u dan ikkawza danni lir-rikorrenti, inkluz telf ta' bejgh u deprezzament tal-merkanzija maqbuda.

"Illi l-intimat wiegeb li l-merkanzija in kwistjoni, fil-fatt wara giet rilaxxata lir-rikorrent kontra garanzija bankarja ai termini tal-artikou 72(4) tal-Kap.37 u ghalhekk mhux il-kaz li huwa ma jistax jahdem iktar u qed isofri danni minhabba f'hekk. Dwar l-oggetti l-ohra elevati mill-hanut tieghu, dawn ma kinux koperti b'ircevuti u dokumentazzjoni doganali relevanti u ghalhekk kienu gew elevati ukoll.

"Illi fit-talbiet tar-rikorrent ma hemmx talba biex dina l-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas danni, anzi saret riserva apposta dwar dana mir-rikorrent fl-att promotorju tieghu u ghalhekk f'dan l-istadju kull konsiderazzjoni dwar l-allegati danni sofferti hija prematura.

"**Decide**

> "Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg talbiet, pero tiddeciedi fit-termini ta' dak fuq spjegat illi l-qbid tal-oggetti relattivi ma kienx legalment gustifikat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u konsegwentement tilqa' t-tielet talba u tordna li lill-intimat Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien gimgha jehles u jirrilaxxja, minghajr ebda garanzija f'idejn ir-rikorrenti l-merkanzija proprjeta tal-istess rikorrenti li kienet giet mizmuma mill-intimat Kontrollur tad-Dwana skond in-Nota ta' Qbid bir-riferenza numru 92/2010.
>
> "Bl-ispejjez kwantu ghal zewg terzi ghall-intimat u terz ghar-rikorrenti."

Il-konvenut ghalhekk appella minn din is-sentenza u qed jitlob ir-revoka taghha u allura li jigu michuda t-talbiet attrici kollha; l-appellat irrisponda billi jitlob il-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJI**

Essenzjalment **l-ewwelnett** l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik raggunta mill-ewwel Qorti a bazi tal-provi migbura. Isostni li l-istess Qorti ma kenitx korretta meta ikkonsidrat li r-rikorrenti skopra x'kien fiha l-konsenja biss meta mar biex jirtira l-merkanzija.

Il-Qorti terga' tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995 "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li

"*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

> "*Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.*" (**Borg v. Galea**, Appell, 3 ta' Marzu 2011)

Dan l-insenjament huwa msemmi wkoll f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* (**Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).

Skont l-appellant il-pern tal-kwistjoni hu jekk l-appellant kienx gustifikat jaqbad l-oggetti msemmija skont il-ligi u senjatament il-Kap. 7 u 337 tal-Ligijiet ta' Malta. Jargumenta li l-ufficjali tad-Dwana gew rinfaccjati

b'dikjarazzjoni skorretta biss waqt l-ispezzjoni fizika tal-oggetti in kwistjoni u li din l-ispezzjoni saret wara li d-Dwana irceviet telefonata anonima. Fir-rikors tal-appell, l-appellant ghamel riferenza ghal diversi partijiet tax-xhieda tax-xhieda li tressqu u fil-qosor l-argument tieghu huwa li kollox kellu jwassal ghall-konkluzjoni li l-appellat ipprova jqarraq bid-Dwana u kien meta inqabad fil-fatt li huwa gab dak li l-appellant iqis bhala skuza ghal dak li gara.

Il-valutazzjoni tal-provi "*hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza*. *Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni*." Ara, b'ezempju, ***Kollez. Vol. XXIV P I p 104;*** **(Tonna v. Azzopardi**, Appell Inferjuri, 12 ta' April 2007).

F'gudizzju civili infatti il-Qorti trid tiddeciedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet *(***Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952 ); "*il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*" – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

Kif sewwa irrisponda l-appellat, l-affidavits tal-appellat, martu u ta' Haider Ayaz ma gewx kontradetti jew attakkati b'kontro ezami. Kif insibu fil-ktieb ta' **Peter Murphy ("Murphy on Evidence" 7th Ediz. 2000, pagna 511)**, "*Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine … … …*" (Appell, **Cilia v. Cilia**, 28 ta' Settembru 2012). Naturalment xorta wahda l-verzjonijet imsemmijin fl-affidavits inkwistjoni jridu jkunu verosimili, kif huma fil-kaz in ezami. Il-Qorti taghmel riferenza ghal dawk id-deposizzjonijiet kif riportati fis-sentenza f'dan ir-rigward li giet hawn fuq riprodotta. In vista ta' dan kollu il-Qorti se tichad dan l-

aggaravju anke ghaliex l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed akkurat u korrett.

**It-tieni aggravju** tal-appellant huwa wiehed (ghall-inqas apparentement) prettament legali. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi ai termini tal-Artikolu 18A tal-Kap. 337 meta iddecidiet illi dan l-artikolu ma kienx applikabbli ghaliex l-appellat ma giex akkuzat b'reat imma l-procedura in kwistjoni kienet giet inizjata a bazi tal-Artikolu 72 tal-istess ligi. Jghid illi ghalkemm dan huwa minnu, il-procedura kienet inbdiet proprju ghaliex kien hemm ksur tal-provvedimenti tal-ligi. Izid jghid ukoll li l-Artikoli 60 (k), 61 (1) u 62 japplikaw ghall-kaz ghaliex ic-cirkostanzi tal-kaz jindikaw illi kien hemm attentat ta' kuntrabandu da parti tal-appellat.

Fuq dan l-aspett ghal kull buon fini tajjeb jinghad li l-Artikolu 18A citat mill-appellant thassar permezz tal-Att numru III tal-2013 u ghalhekk illum-il gurnata ma ghadux jifforma parti mil-ligjiet ta' Malta. F'kull kaz, din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti interpretat tajjeb dan l-artikolu meta qalet li ladarba l-appellat ma giex akkuzat kriminalment ma kellhiex tikkonsidra dan l-artikolu ghaliex kien artikolu li jirrigwardja reat kriminali.

Anke l-interpretazzjoni tal-artikoli l-ohra msemmija mill-appellant li tat l-ewwel Qorti huma korretti ghaliex ladarba l-Qorti ma rriskonratx ebda

intenzjonijiet kriminali da parti tal-appellat, dawk l-artikoli ma japplikawx. Dwar l-interpretazzjoni tal-fatti kif graw, din il-Qorti gia` ghamlet il-kostatazzjonijiet u konkuzjonijiet taghha.

**Finalment** l-appellant ilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ipprovdiet illi l-qbid tal-merkanzija ikkawzat dannu lill-appellat. Madankollu huwa evidenti li ghalkemm il-Qorti ghamlet riferenza ghal dan, ma hemm xejn fil-parti disposittiva tas-sentenza li jiggustifika dan l-aggravju. Hija biss dik il-parti li taghmel stat bejn il-partijiet u ghalhekk l-appell fir-rigward ma ghandu ebda siwi.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Andrew Pace et v. Unscheduled Bus Service**, deciza fil-15 ta' Dicembru 2003;

> *Il-Qorti ssib pjuttost stramb li parti vincenti f' gudizzju tappella ... mill-parti razzjonali, ossija minn motivazzjoni singolari tas sentenza... u ghalhekk ma tistax lanqas tiqies bhala xi dikjarazzjoni **decisiva jew obligatorja** kif irid l-artikolu 219 tal-Kap. 12.*
>
> *Il-Qorti tifhem illi bl-espressjoni 'kap wiehed jew izjed ta' kull sentenza' adoperata fl-artikolu 240 tal-Kap. 12 jew f' disposizzjonjiet ohra tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili .. fejn tissema l-kelma 'kap' il-ligi qed tirreferi espressament ghall kapi fil-parti operattiva tas-sentenza. Kapi li minnhom l-attur appellat jista jappella incidentalment jekk isib ruhu avversament kolpit.*

<u>Din il-Qorti</u> izzid ukoll illi l-Artikolu **226 (2)** tal-istess Kap. 12 jghid illi;

> *Meta appell ma jsirx mis-sentenza kollha, għandhom jissemmew, fir-rikors tal-appell, il-<u>kapi tas-sentenza</u> li minnhom isir appell. (sottolinear tal-Qorti).*

Fls-senteza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Coppola v. Bonello** (30 ta’ Mejju 2014) intqal illi:

> *“Dan kollu allura jfisser li appell, kemm principali u kemm incidentali, jista jsir biss mill-parti dispositiva tas-sentenza u allura il-parti decisiva u obligatorja kif gia issemma. Fil-kaz in esami l-appellanti qed tappella unikament minn wahda mir ragunijiet ghaliex it-talba taghha giet akkolta u allura minn motivazzjoni tas-sentenza li skond hi, mhijiex korretta. Ladarba pero’ din mhijiex parti essenzjali mis-sentenza u allura ma torbotx il-partijiet kif torbothom il-parti dispositiva, il-Qorti ghal ragunijiet purament procedurali .....se tiddikjara dan l-appell inammissibbli.”*

Kif sewwa irrisponda l-appellat, huwa ma talabx danni fir-rikors promotur u allura din il-Qorti ma ghandiex ghalfejn tiddelibera fuq dan l-aggravju aktar ghar-ragunijiet imsemmija u sewwa irrisponda l-appellat li dan ma kellu x’jaqsam xejn mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li tordna r-rilaxx tal-oggetti maqbuda.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata komrpiz il-kap tal-ispejjez.

L-ispejjez tal-appell a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Registratur
df